# Ġ 4.1 IL-GŻEJJER MALTIN



**Ġ4.1.1**

Nitgħallmu x'inhi mappa, u x'inhi pjanta.

Nitgħallmu nagħmlu pjanti tal-klassi, tal-iskola u tal-pjazza.

Riċerka ta' Edith Vella, MV Galea u Marlene Vella – Kulleġġ San Nikola Rabat

## A. Aqra dwar IL-PJANTI.



Il-pjanti jiġu ddisinjati minn **perit**. Il-periti jiddisinjaw djar, skejjel, palazzi, ġonna, toroq, mini jew xi bini ieħor.

Id-disinn tal-pjanta jurina d-daqs u kif se jkun il-bini, kemm minn ġewwa u kif ukoll minn barra.

Għalhekk minn pjanta nkunu nafu kif inhu **l-ambjent** tal-post li ddisinja l-perit. Naraw fejn ġejjin il-kmamar, il-btieħi, il-bibien, it-twieqi u dettalji oħra.

Professjonisti oħra bħall-inġiniera wkoll jiġu bżonn ipinġu pjanti fix-xogħol tagħhom, bħall-pjanti ta' makkinarji u bżonnijiet oħra.



Din l-istampa turi mejda.



Kieku kellek titla' fuq sellum u tħares lejn l-istess mejda minn hemm fuq, din tkun tidher hekk. Is-saqajn ma jkunux jidhru. Din l-istampa tissejjaħ **PJANTA.**

## B. Pjanta ta' Klassi

Din li ġejja hija pjanta ta' klassi. Din il-pjanta tagħtina ħafna informazzjoni, bħal kemm hi kbira l-klassi, fejn jinsabu l-imwejjed u s-siġġijiet, il-kompjuters, il-wajtbord u oġġetti oħra li jkun hemm bżonn għat-tagħlim.

Importanti li klassi tkun **spazjuża, arjuża** u **mdawla.**

Dawn is-simboli ta' fuq ix-xelleg jirrappreżentaw l-oġġetti li jinsabu fil-klassi.

### Planta ta' Klassi

Key






## Ċ. Pjanta ta' Skola

Minn din il-pjanta nistgħu nifhmu, kif inhu mqassam is-sular t'isfel ta' din l-iskola.

Faċli li nifhmu fejn insibu l-uffiċċji tas-Surmast u tal-assistenti tiegħu, il-klassijiet, il-bitħa, it-tojlits, il-kurituri u postijiet oħra.




Key




L-istampa tax-xellug turina xi simboli oħra.

## D. Pjanta tal-Pjazza tar-Raħal




Fiċ-**ċentru** ta' ħafna bliet u rħula nsibu **knisja kbira**.

**It-toroq prinċipali** jduru mal-knisja u fihom insibu bini importanti bħal:

L-Għassa tal-Pulizija

Iċ-Ċentru Ċiviku

Ħwienet

Servizzi: dentist, nutar, tabib ...

Djar tan-nies

Ġonna Pubbliċi

Bandli

Skola.

It-**toroq** kollha għandhom **isem**.  Dawn jgħinu lin-nies biex isibu l-post fejn iridu jmorru u għalhekk jagħmlu l-ħajja aktar faċli.  L-istampa t'hawn taħt turi veduta mill-ajru (*aerial view*) taċ-ċentru tar-Rabat, Malta.




L-istampa t'hawn taħt turi l-pjanta tal-istess ċentru tar-Rabat, Malta.  Kif qed taraw hija aktar faċli biex issegwiha.



**D. Aħdem dawn.**



a. Ħares lejn din l-istampa ta' karozza kif tidher fi pjanta.



b. Issa pinġi pjanta ta' kif taħseb li jkunu jidhru **tapit** u **siġġu** fil-kaxxi t'hawn taħt.

Pjanta ta' tapit

Pjanta ta' siġġu

Immaġina li poġġejt erba' bottijiet tal-ħalib f'kull kantuniera tal-mejda. Issa, fil-kaxxa t'hawn taħt pinġi l-mejda bil-bottijiet kif taħseb li tkun **tidher minn fuq**.

## E. Iddisijna l-pjanta tal-kamra tas-sodda tiegħek.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | |

- L-ewwel iddisinja bil-lapes ħalli tara li joqgħod kollox.
- Tista' tuża xi ftit mis-simboli li tgħallimna s'issa.



**F. Ħares sew lejn din il-mappa wara wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**



**Wieġeb skont dak li qed tara fil-pjanta tar-raħal.**

1. Il-**knisja tar-raħal** qiegħda fil- ________________________________.
2. It-**triq faċċata tal-knisja** jisimha _______________________________.
3. Toni jħobb jgħaddi l-**ħin tal-mistrieħ** fil-____________________________.
4. Biex imur l-**ispiżerija** Toni jrid jimxi matul Triq il-Fanali, jikser fuq ix-xellug u jaqsam Triq ___________________________________________.
5. Il-**lukanda** qiegħda kantuniera ma' Triq _____________ u Triq ____________.
6. Omm Toni daħlet tixtri minn **żewġ ħwienet faċċata ta' xulxin**. L-ewwel marret għand tal-____________________ u wara għand tal-______________________.
7. Immarka **b'kulur aħmar** kif l-aħjar li jgħaddi Toni biex imur mill-knisja għall-ħanut tal-kotba.
8. Fuq il-pjanta fadal biċċa art immarkata 'art vojta'. Din tinsab faċċata tal-iskola.

   Kieku kont int, x'tagħmel biha biċċa art bħal dik faċċata tal-iskola?

   ________________________________________________________

   ________________________________________________________
9. Kieku kellek issib post għall-monument ta' Dun Karm Psaila fejn tagħżel li tpoġġih? Immarka dan il-post fuq il-pjanta billi tpinġi **ċirku kulur blu**.

   Taħt iċ-ċirku, ikteb '**Monument**'.

## X'inhi Mappa?

Xogħol ippreparat minn Marisa Pace – Kulleġġ Maria Reġina - Għargħur

Mappa hija stampa żgħira ta' kif jidher pajjiż, belt jew raħal mill-għoli.




**Mappa tal-Ewropa**

Nużaw mappa meta nkunu qed infittxu xi belt jew raħal f'xi pajjiż partikulari. Nużaw mappa meta nsiefru u nkunu rridu nafu fejn qegħdin.

It-turisti jużaw mappa biex jivjaġġaw minn post għall-ieħor

- ❖ Biex turist isib it-triq minn fejn irid jgħaddi għandu bżonn mappa.
- ❖ Biex insib belt jew raħal f'Malta għandna bżonn mappa ta' Malta.
- ❖ Biex insib fejn qiegħda Spanja għandi bżonn mappa tal-Ewropa.
- ❖ Biex insib fejn qiegħed xi kontinent għandi bżonn mappa tad-dinja.




Mappa tad-Dinja




Mappa tal-Italja